MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 48/2006

**Rikors numru 48/06 DM**

**GMolton Co Limited (C 2218)**

**Vs**

**Alufinish Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, sitt mija u disgha liri Maltin u erbatax-il centezmu (LM 2,609.14c) rapprezentanti prezz ta’ *powder paint* lilhom mibjugha u kkonsenjat, u dana kif jidher mill-kopja ta’ l-*istatement of account* [Dok A] anness ma’ l-avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja ta’ l-20 ta’ Awissu 2005, tal-Mandat ta’ Qbid prezentat kontestwalment mar-rikors u bl-imghax legali mid-data ta’

l-ahhar bejgh u konsenja u cioe' mis-26 ta' Awissu tas-sena 2004 skond id-Dok A, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma' deherux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghalhekk wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti senjatament l-assenji mmarkati flimkien bhala dokument AG 2 u anke ir-rikonoxximent tal-kreditu da parti tal-konvenuti kif jirrizulta mid-dokument AG 1 u wara li semghet ukoll id-deposizzjoni ta' Andrew Grech prodott mill-kumpanija attrici issib illi t-talba attrici tirrizulta ampjament gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill- konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn, sitt mija u disgha liri Maltin u erbatax-il centezmu (LM 2,609.14c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b' effett mis-26 ta' Awissu, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------